31979R2931

L 334/8 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.12.1979

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2931/79

ta' l-20 ta' Diċembru 1979

fuq l-għotja ta' assistenza għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jistgħu jibbenefikaw minn trattament speċjali ta' importazzjoni f'pajjiż terz

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-prodotti agrikoli jistgħu f'ċerti każi jibbenefikaw minn trattament ta' importazzjoni speċjali f'pajjiżi terzi jekk il-prodotti jkunu jħarsu ċerti speċifikazzjonijiet u/jew il-kondizzjonijiet tal-prezzijiet; billi kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet fil-pajjiż terz li jimporta u l-Komunità hija meħtieġa biex tassigura l-applikazzjoni korretta ta' tali sistema; billi għal dan il-għan il-prodotti għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-Komunità;

Billi, sabiex jiġu rispettati l-kondizzjonijiet ta' prezzijiet msemmija hawn fuq, is-sistema ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni għandha tkun ikkunsidrata; billi regoli dettaljati għas-sistema ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni huma adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1], kif emendat ta' l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 1547/79 [2], u fl-Artikoli li jikkorrispondi f'Regolamenti oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq;

Billi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond l-istess proċedura,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Meta prodotti agrikoli jkunu esportati li jistgħu, skond ftehim konklużi mill-Komunità, jibbenefikaw minn trattament speċjali fuq l-importazzjoni ġewwa pajjiż terz jekk ċertu kondizzjonijiet jiġu rrispettati, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom, fuq talba u wara spezzjonijiet xierqa, joħorġu dokument li jiċċertifika illi l-kondizzjonijiet intlaħqu.

2. Regolamenti dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 u fl-Artikoli f'Regolamenti oħra li jikkorrispondu ma' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1979.

Għall-Kunsill

Il-President

J. TUNNEY

[1] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 188, tas-26.7.1979, p. 1.